TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 281/13-F

**Pauline Cachia**
**vs**
**Eximus Services Ltd.**

Illum 30 ta' Settembru, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-4 ta' Diċembru, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn u ħamsin ewro (€250), rappreżentanti prezz ta' *robot vacuum cleaner* li wara ftit xhur ma baqax jaħdem.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat *robot vacuum cleaner* u wara ftit xhur ma baqax jaħdem. Ir-rikorrenti ġiet imwiegħda batterija ġdida għax jidher li minnha kienet il-ħsara, illi l-batterija damet ħafna biex waslet u wara li waslet dan xorta baqa' ma jaħdimx.

Is-soċjeta' ntimata ssottomettiet illi hija offriet illi jieħdu r-*robot vacuum cleaner* sabiex tara x'għandu, u li għamlet l-almu tagħha sabiex tipprova ssewwi u li anke tatha batterija ġdida, imma jidher li l-problema baqgħet hemm.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota li għalkemm is-soċjeta' ntimata ippruvat issolvi l-problema, xorta l-problema baqgħet tippersisti u ma jistax ikun illi r-rikorrenti tibqa' b'dawn il-problemi.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti is-somma ta' mitejn ewro (€200), u b'dan illi r-*robot vacuum cleaner* jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888